## UBBIDJENZA GĦALL-KELMA TA' ALLA

1. **Mattew 17:1-13** - "Isimgħu lilu" (vers 5b).
2. **Lhud 1:1-4** - "Fl-imgħoddi = Profeti - Illum = Kristu.
3. **Kolossin 1:13-20** - Supremazija ta' Ġesù fuq il-ħwejjeġ kollha.
4. **Lhud 4:-8-9** - "Ġesù Kristu hu dak li kien fl-imgħoddi, issa u għal dejjem. Tħallux li toħrġu 'l barra mit-triq b'xorta oħra ta' tagħlim barrani…"
5. **Lhud 12:25** - "Qisu li ma twarrbux lil dak li qiegħed ikellimkom! Għax jekk ma ħelsuhiex dawk talli warrbu 'l min kellimhom fuq l-art, wisq aktar ma neħilsuhiex aħna jekk inwarrbu 'l min ikellimna mis-sema."
6. **Ġwanni 14:24** - "Min ma jħobbnix ma jħarisx kliemi. U l-kelma li qegħdin tisimgħu mhijiex tiegħi*, imma tal-Missier li bagħatni*."
7. **Dewt. 18:18-20** - "Jiena nqajjmilhom profeta bħalek, minn fost ħuthom; nqiegħed kliemi fuq fommu, u jħabb-rilhom kull ma nordnalu. Min ma jagħtix widen għal kliemi li huwa jħabbar f'ismi, jiena nitolbu kont talli jkun naqas. U jekk xi profeta jfettillu jgħid f'ismi ħwejjeġ li ma nkunx qabbadtu jgħid, jew inkella jħabbar f'isem allat oħra, dan il-profeta jkun ħaqqu l-mewt."
   a. Wara li Ġesù tema' l-ħamest elef ruħ, naqraw fi: **Ġwanni 6:14** - "Għalhekk dawk in-nies, meta raw dan is-sinjal li għamel Ġesù, qalu: 'Dan hu tassew il-profeta li għandu jiġi fid-dinja!'"
   b. **Atti 3:23** - "U jiġri li kull min ma jismax minn dan il-profeta jinqered minn qalb il-poplu." (araw wkoll Ġwan-ni 7:40 u 7:37.
   c. L-appostli dan kienu jafuh sewwa u kienu lesti li jieħdu l-mewt minħabba f'hekk.
      i. **Atti 4:19** - "Imma Pietru u Ġwanni weġbuhom: 'Għidulna intom jekk hux sewwa quddiem Alla

li aħna nisimgħu aktar **minnkom** milli minn **Alla**" (ara Atti 5:29).

8. Ġesù jgħid fi **Ġwanni 8:48-50** - "Min imaqdar lili u ma jilqax kliemi, hemm min jagħmel ħaqq minnu: il-kelma li jiena għedt; tkun hi li tagħmel ħaqq minnu fl-aħħar jum. Għax jien ma għedt xejn minn moħħi, imm akien dak li bagħatni, jiġifieri l-Missier, li ordnali xi ngħid u nitkellem. U jiena naf li l-ordni tiegħu hija l-ħajja ta' dejjem. Dak li ngħid jien, ngħidu kif qalli l-Missier."
9. **1 Tess. 2:13** - "Aħna niżżu ħajr bla heda lil Alla talli l-kelma ta' Alla, li intom smajtu mingħandna, lqajtuha mhux bħala kelma ta' bniedem, iżda bħala kelma ta' Alla, **kif tas-sew** hi, dik il-kelma li qiegħda taħdem fikom li emmnintu."
10. **Luqa 6:46-49** - "Min jisma'…u jagħmel" u "min jisma' u ma jagħmilx."
11. 1 Korintin 4:6 - "*Dan ħuti, għedtu għalija u għal Apollo minħabba fikom, biex minna intom titgħallmu x'jiġifieri: "Mhux iktar milli hemm miktub," ħalli* ***ħadd minnkom*** *ma jintefaħ b'wieħed kontra l-ieħor.*"

- **Ġisem** (Knisja) wieħed hemm, il-knisja ta' Kristu (Efesin 4:4; 1 Korintin 10:17; Rumani 16:16).
- **Mulej** wieħed hemm, Ġesù Kristu (Efesin 4:5).
- **Tama** waħda hemm. (Efesin 4:4; Mattew 5:12).
- **Fidi** waħda hemm (Efesin 4:5; Ġuda 3).
- **Magħmudija** waħda hemm (Efesin 4:5; Atti 2:38).
- **Mod** wieħed hemm għall-magħmudija, immersjoni fl-ilma (Rumani 6:1-6; Kol. 2:12).
- Dawk li **jemmnu** biss jistgħu jitgħammdu (Mark 16:16).
- Il-magħmudija hija **għall-maħfra tad-dnubiet** (Atti 2:38; 22:16).

- **Alla** wieħed hemm, il-Missier l-Iben u l-Ispirtu s-Santu (Efesin 4:6; Mattew 28:19; 2 Korintin 13:14).
- **Missier** wieħed hemm (Efesin 4:6; Mattew 23:9).
- **Reverendu** wieħed hemm, Alla (Salm 111:9).
- **Isem** wieħed hemm, ta' Ġesù Kristu (Atti 4:12; 11:26; Kol. 3:17).
- **Ras** waħda hemm, Kristu (Efesin 1:10, 22; 4:15; Kol. 1:18).
- **Liġi** waħda hemm, il-Bibbja Mqaddsa (Galatin 1:6-9; 2 Ġwanni 8-9; Apk. 22:18-19).
- **Mod** wieħed hemm kif dak li mhuwiex Kristjan jista' jikseb il-maħfra tad-dnubiet, billi jitgħammed (Atti 2:38).
- **Jum** wieħed hemm għall-Ikla tal-Mulej, l-ewwel jum tal-ġimgħa (Atti 20:7).
- Il-ġisem tagħna huwa t-**tempju** ta' Alla (1 Korintin 3:16-17; 6:19-20; Efesin 2:21-22; 5:29).
- Il-**qaddisin** huma dawk kollha li jaċċettaw lil Kristu u jsiru Kristjani u mhux il-mejtin (1 Korintin 1:1-3; 1 Pietru 1:1-2; Efesin 1:1, 15; eċċ.).
- **Qassisin** huma l-Kristjani kollha (Eżodu 19:6; 1 Pietru 2:5, 9-10; Lhud 4:14; Apk. 1:5-6; 5:9-10).
- L-**idolatrija** hija dejjem ikkundannata (Dewt. 5:7-9; Atti 17:16-31; 2 Kor. 5:7; 1 Ġwanni 5:21; eċċ.).
- Il-Bibbja jista' jifhimha kulħadd (1 Kor. 1:17; 2:1-2).
- Id-dnub ma jinteritx (Eżekjel 18:20; 1 Ġwanni 3:4).

Taħt sejrin naraw xi eżempji mit-Testment il-Qdim kif ukoll mit-Testment il-Ġdid dwar kif u meta persuna kienet imfejqa fiżikament u kif u meta persuna tkun imfejaq spiritwalment!

# Eżempji Ta' Ubbidjenza u Fejqan!

| SERP | KAPTAN | RAĠEL AGĦMA | MAGĦMUDIJA |
|---|---|---|---|
| Num. 21:4-9 | 2 Slaten 5:1-14 | Ġwanni 9:1-12 | Mark 16:16 |

## SERP
(Numri 21:1-9)

**A. Is-Serp tal-Bronż**

1. It-Testment il-Qadim Spiċċa - Kolossin 2:14-15.
2. Dan qiegħed għat-tagħlim tagħna - Rum. 15:4; 1 Korintin 10:11.
3. Fit-Testment il-Qadim aħna nitgħallmu li Alla jbierek lil dawk kollha *li jobduh*.
4. Eżempju wieħed huwa l-ġrajja tas-*Serp tal-Bronż*.
   a. Alla kien ħeles lill-Israel mill-jasar u ħarishom.
   b. Dawn spiss dinbu kontrih (1 Kor. 10:1-12).
   c. Kastig tas-sriep.
   d. Indiema - Min **IĦARES** - ifieq
   e. FIDI U + Ubbidjenza = Fejqan.
   f. Obdi u Tfieq, jew Tobdix u Tmut

**TWEMMIN - UBBIDJENZA - FEJQAN**

**B. IL-KAPTAN - 2 Slaten 5:1-14**

1. Nagħman kien kaptan fl-armata Sirjana.
2. Kien raġel nobbli u kapaċi ħafna imma kien lebruż.
3. Qaddejja tal-mara ta' Nagħman qaltlu dwar il-profeta li kien jista' jfejqu.
4. Eliżew, il-profeta, bagħatlu messaġġier biex jgħidlu **x'għandu jagħmel**.
   a. **X'għandi nagħmel?**

   b. Atti 2:37 - il-Lhud staqsew lil Pietru u lil l-appostli.
   c. Atti 9:6 - Sawl (Pawlu) - Hemmhekk **jgħidulek x'għandek tagħmel**.
   d. Atti 11:14 - Kornelju - u hu **jgħidlek kliem li bih** issalva.
   e. Atti 16:30 - L-Għassies - "Sinjuri, **x'għandi nagħmel** biex insalva?"
5. Nagħman irrabja…għax ħaseb….
6. Il-ħsibijiet ta' Alla huma dejjem għola minn dawk tal-bnedmin (Isaija 55:8-9).
7. Nagħman kellu **marda tal-moħħ** kif ukoll **tal-ġisem**.
8. Il-**kuxjenza** tista' tiggwidak ħażin. eż. Sawl - Atti 26:10-11; 23:1.
9. Nagħman **għeleb** il-preġudizzju tiegħu u mar fix-Xmara Ġordan.
10. Il-Qawwa ta' Alla u **mhux** l-ilma kienet il-kaġun li tnaddaf.
    a. **UBBIDJENZA.**

**TWEMMIN - UBBIDJENZA - FEJQAN**

## Ċ. IR-RAĠEL AGĦMA - Ġwanni 9:1-12

1. Mhux biss dan kien agħma, imma kien hekk mit-twelid.
2. Wara li Ġesù iddikjara li Hu d-dawl tad-dinja "beżaq fl-art" u "għamel tajn."
3. Ġesù dilek għajnejn ir-raġel bit-tajn.
4. Ġesù QALLU MUR **INĦASEL** fil-menqa.
5. Ir-raġel OBDA u mar - 9:6-7.
6. Ir-raġel kellu Fidi Kbira biex **jagħmel dak li qallu Ġesù**.
7. Fidi f'Alla qatt ma tqis kmand ta' **Alla bħala li hu ta' bla bżonn**.
8. Meta r-raġel fieq? - **Wara** li huwa OBDA.

a. Eżempju: Atti 22:16 - Sawl (Pawlu) - "U issa x'int tistenna? Qum! Tgħammed u nħasel minn dnubietek, int u ssejjaħ ismu."

9. Il-Ħasil ma spjegax **KIF** IR-RAĠEL AGħMA rċieva d-dawl imma **META**.
10. Ġesù uża t-tajn u l-ilma bħala strument biex jittestja l-fidi tar-raġel

**TWEMMIN - UBBIDJENZA - FEJQAN**

## D. MAĦMUDIJA - Mark 16:16

1. Ir-rakkonti tas-Serp tal-bronż, tal-Kaptan Nagħman u tar-Raġel Agħma juru **Prinċipju** li jinsab fl-Evanġelju ta' Kristu.
2. Dawn in-nies kien jeħtiġilhom li **JOBDU** qabel ma jkunu mbierka.
3. L-Evanġelju ta' Kristu għandu jiġi **OBDUT** biex tingħata l-maħfra (Mark 16:16).
4. Meta wieħed **JEMMEN** il-Fatti u **JOBDI** l-kmandi ta' l-Evanġelju, imbagħad dan ikun imbierek bis-salvazzjoni.
5. Mela wieħed għandu:
   a. Jemmen Fih bħala 'l Kristu - Ġwanni 8:24.
   b. Jindem mid-dnubiet tal-passat - Luqa 13:3.
   c. Jistqarr l-Isem ta' Ġesù Kristu - Atti 2:23-38.
   d. U jkun mgħammed, mgħaddas fl-ilma għall-maħfra tad-dnubiet - Atti 2:38; 22:16.

**TWEMMIN - UBBIDJENZA – FEJQAN**

Minn dan wieħed jista' jara kemm huma żbaljati dawk li jgħallmu li persuna hija salva qabel il-magħmudija! L-istess ukoll nistgħu naraw kemm huma żbaljati dawk li jgħallmu l-magħmudija tat-trabi!